

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > [Denmark](#)

Imputati (proċeduri kriminali)

Il-kontenut ipprovdut minn

Danimarka

Danimarka



Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun issuspettata jew akkużata b'delitt li jkun ittrattat bi proċess quddiem il-qorti kriminali. Għal tagħrif dwar reati tat-traffiku fit-triq, li normalment ikunu ttrattati permezz ta' penali fissa bħal multa, ara l-Iskeda Informattiva 5. Jekk inti vittma ta' xi delitt, tista' ssib it-tagħrif kollu dwar id-drittijiet tiegħek hawnhekk.

Sommarju tal-proċess kriminali

Dan li ġej huwa sommarju tal-istadji normali tal-proċess kriminali.

- Il-pulizija tinvestiga l-kwistjonijiet kriminali kollha. Dan jinkludi l-interrogazzjoni tal-persuni ssuspettati, tal-vittmi u tax-xhieda.
- Jekk il-pulizija tissuspetta li inti wettaqt xi delitt, inti tiġi akkużat. Ladarba tkun akkużat, għandek ċerti drittijiet fundamentali, pereżempju d-dritt għal parir legali f'każijiet serji.
- Il-pulizija tiddeċiedi jekk tarrestakx jew le.
- Jekk tkun wettaqt delitt serju, inti tista' - wara l-preżentazzjoni tal-każ quddiem l-imħallef - tinżamm taħt arrest waqt li l-każ ikun qed jiġi investigat.
- Kif titlesta l-investigazzjoni, il-każ jintbagħat għand l-Uffiċċju tal-Prosekutur, li jiddeċiedi jekk l-akkużi għandhomx jaqgħu jew jekk il-każ għandux jittressaq quddiem il-qorti.
- Jekk l-Uffiċċju tal-Prosekutur jiddeċiedi li jmexxi l-każ, dan jista' jagħmlu billi joħroġ avviż ta' penali fissa, att tal-akkuża jew taħrika għal direzzjonijiet.
- Il-każijiet kriminali jiġu pproċessati mill-qorti distrettwali bħala qorti tal-prim'istanza. L-għadd ta' imħallfin jiddependi mill-gravità tal-każ u minn jekk inti tweġibx li inti ħati jew mhux ħati.
- Is-sentenza tal-qorti normalment tista' tiġi appellata quddiem il-qorti suprema. Tista' tappella għal ritrattazzjoni tal-każ tiegħek jew tappella kontra s-sentenza.
- Inti tkun intitolat għal kumpens għall-priġunerija falza jekk il-każ kontrik jiġi rtirat jew jekk inti tiġi lliberat.
- L-Uffiċċju Daniż tal-Ħabs u tal-Probation iwieġeb mistoqsijiet dwar l-iskontar tas-sentenzi.

Tista' ssib dettalji dwar l-istadji kollha tal-proċess kriminali u dwar id-drittijiet tiegħek fl-iskedi informattivi. L-informazzjoni m'għandhiex tissostitwixxi parir legali u qiegħda hemmhekk biss bħala gwida.

Ir-regoli rigward il-proċess kriminali, inklużi l-investigazzjonijiet tal-pulizija, it-tnejjija tal-proċess mill-prosekuzzjoni u l-proċess quddiem il-qorti kriminali, huma stabbiliti fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja Daniża.

Jekk jogħġbok innota li japplikaw regoli speċjali fil-Groenlandja u fil-Gżejjer Faeroe.

Skont it-Trattat ta' Lisbona, id-Danimarka għażlet li toħroġ mill-kooperazzjoni dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni tal-UE u għalhekk ma tipparteċipax f'din il-kooperazzjoni bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħrajn. Għaldaqstant f'kull każ individwali inti għandek tiskopri jekk liġijiet partikolari tal-UE jkunux japplikaw fid-Danimarka.

Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea

Għandek tkun taf li l-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda rwol fil-proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tgħinek jekk ikollok xi lment. Dawn l-iskedi informattivi jgħidulek fejn u kif għandek tressaq l-ilment tiegħek.

Ikklikkja fuq il-links li ġejjin sabiex issib it-tagħrif li tixtieq

[1 - Kif tikseb parir legali](#)

[2 - Iddrittijiet tiegħi waqt linvestigazzjoni ta' delitt u qabel ilkaż jitressaq quddiem ilqorti](#)

- L-akkuża preliminari, inkluża l-interrogazzjoni
- L-arrest (inkluż il-Mandat ta' Arrest Ewropew)
- Is-smiġġh statutorju preliminari u ż-żamma taħt arrest
- Miżuri invażivi
- Id-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jinġibu akkużi kontrik
- It-tħejjija għall-proċess mid-difiża

[3 - Iddrittijiet tiegħi filqorti](#)

[4 - Iddrittijiet tiegħi wara li lqorti tkun tat iddeċiżjoni tagħha](#)

[5 - Reati minuri](#)

Links relatati

[Is-sistema legali Daniża](#)

[Dejtabejż tal-liġi sñiħa http://www.retsinfo.dk/](http://www.retsinfo.dk/)

[Kif issib avukat Daniż](#)

[Tagħrif dwar l-iskontar tas-sentenza:](#)

■ L-añħar aġġornament: 01/08/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.